



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2010/0051(COD)

15.6.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament *Ewropew* u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri *tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tal-kompetenzi ta' implimentazzjoni*
(COM(2010)0083 – C7-0073/2010 – 2010/0051(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Antolín Sánchez Presedo

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-poteri ta' implimentazzjoni jistgħu jadattaw jew jaġġornaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' att bażiku, iżda ma jistgħux jiġu estiżi biex jissupplimentaw jew jemendaw elementi tali, minħabba li f'dawk il-każijiet japplika l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Fil-kuntest tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi mill-Kummissjoni kien irregolat b'Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999.

(2) Fil-kuntest tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi mill-Kummissjoni kien irregolat b'Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999. ***Dan l-arranġament għandu jitwaqqaf biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati wara l-aħħar riforma tat-Trattati.***

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-

(3) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-

Unjoni Ewropea issa jirrikjedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistabbilixxu r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi tal-Kummissjoni.

Unjoni Ewropea issa jirrikjedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistabbilixxu r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-poteri implimentattivi tal-Kummissjoni. ***Dan il-kontroll ma jipprekludix jew jirrestrinġi l-kontroll demokratiku li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet dwar il-prinċipji demokratiċi, il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-funzjonament tal-istituzzjonijiet u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità kif stabbilit, inter alia, fl-Artikoli 5, 10, 11 u 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati.***

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Hu neċessarju li jiġi żgurat li l-proċeduri għall-kontroll ***bħal dan*** huma ċari, effettivi u *proporzjonati* man-natura tal-atti implimentattivi u li dawn jirriflettu *fuq ir-rekwiżiti* istituzzjonali tat-Trattat kif ukoll *mill-esperjenzi* miksuba u *mill-prattiċi* komuni segwiti fl-implimentazzjoni tad-Deċizzjoni 1999/468/KE.

Emenda

(4) Hu neċessarju li jiġi żgurat li l-proċeduri għall-kontroll huma ċari, effettivi u *proporzjonati* man-natura tal-atti implimentattivi u li dawn jirriflettu *r-rekwiżiti* istituzzjonali tat-Trattat ***u d-drittijiet indaqs tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-atti kollha adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja***, kif ukoll *l-esperjenzi* miksuba u *l-prattiċi* komuni segwiti fl-implimentazzjoni tad-Deċizzjoni 1999/468/KE.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) F'dawk l-atti bażiċi li jirrikjedu l-kontroll tal-Istati Membri għall-adozzjoni

Emenda

(5) F'dawk l-atti bażiċi li jirrikjedu l-kontroll tal-Istati Membri għall-adozzjoni

tal-atti implimentattivi mill-Kummissjoni, ikun xieraq li għall-fini ta' tali kontroll għandu jkun hemm kumitati mwaqqfa li jkunu ffurmati mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u jkun ippresedut mill-Kummissjoni.

tal-atti implimentattivi mill-Kummissjoni, ikun xieraq li għall-fini ta' tali kontroll għandu jkun hemm kumitati mwaqqfa li jkunu ffurmati mir-rappreżentanti tal-Istati Membri **u osservaturi mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew** u jkun ippresedut mill-Kummissjoni.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) **Il-Parlament** u l-Kunsill **għandu** jiġu infurmati bil-proċedimenti tal-kumitat **fuq bażi regolari**.

Emenda

(12) **Biex ikun żgurat li l-funzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiġu rispettati bis-sħiħ, dawn għandhom** jiġu infurmati **fil-pront u b'mod sħiħ** bil-proċedimenti tal-kumitat **fi żmien biżżejjed qabel l-adozzjoni ta' kull miżura**.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) **Għandha titħassar id-Deċiżjoni 1999/468/KE. Sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn ir-reġim ipprovdut fid-Deċiżjoni 1999/468/KE u dan ir-Regolament, kwalunkwe referenza ta' leġislazzjoni eżistenti għall-proċeduri pprovduti f'dik id-Deċiżjoni bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja pprovduta bi skrutinju fl-Artikolu 5a tiegħu, għandha tinftiehem bħala referenza għall-proċeduri korrispondenti pprovduti f'dan ir-Regolament. L-effetti tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jinżammu għall-fini tal-atti bażiċi eżistenti**

Emenda

imħassar

li jirreferu għal dak l-Artikolu.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-mekkaniżmi li għandhom japplikaw f'każi fejn att tal-Unjoni li jkun jorbot legalment (minn hawn 'il quddiem l-"att bażiku") jkun jirrikjedi li l-adozzjoni tal-atti implimentattivi **li jorbtu** mill-Kummissjoni jkunu soġġetti għall-kontroll mill-Istati Membri.

Emenda

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-mekkaniżmi li għandhom japplikaw f'każi fejn att tal-Unjoni li jkun jorbot legalment (minn hawn 'il quddiem l-"att bażiku") **jidentifika l-ħtieġa għall-kundizzjonijiet uniformi tal-implimentazzjoni** u jkun jirrikjedi li l-adozzjoni tal-atti implimentattivi mill-Kummissjoni jkunu soġġetti għall-kontroll mill-Istati Membri.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

F'każijiet fejn atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali jkunu meħtieġa biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att bażiku, għandu japplika l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-proċedura tal-eżaminazzjoni **tista'** tapplika **biss** għall-adozzjoni ta':

2. Il-proċedura tal-eżaminazzjoni **għandha** tapplika għall-adozzjoni ta':

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Għall-miżuri l-oħra kollha ta' implimentazzjoni u għal miżuri ta' implimentazzjoni msemmija f'paragrafu 2 **għandha** tapplika l-proċedura konsultattiva, fejn din titqies li tkun xierqa.

Emenda

3. Għall-miżuri l-oħra kollha ta' implimentazzjoni u għal miżuri ta' implimentazzjoni msemmija f'paragrafu 2 **tista'** tapplika l-proċedura konsultattiva, fejn din titqies li tkun xierqa.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat kompost mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat kompost mir-rappreżentanti tal-Istati Membri **kif ukoll minn osservaturi mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew** u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-president jista' jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub. Hu jew hi għandu/ħa j/tibgħat lill-membri tal-kumitat l-abbozz tal-miżuri li *dwahom* l-opinjoni tagħhom tkun qed tintalab u għandu/ħa j/tisipula limitu ta' żmien skont l-urġenza tal-kwistjoni. Kull membru tal-kumitat li ma jkunx espliċitament kontra jew li jastjeni qabel jiskadi l-limitu taż-żmien stipulat jkun kkunsidrat li jkun qabel

Emenda

5. Il-president jista' jikseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub. Hu jew hi għandu/ħa j/tibgħat lill-membri **u osservaturi** tal-kumitat l-abbozz tal-miżuri li *dwarhom* l-opinjoni tagħhom tkun qed tintalab u għandu/ħa j/tisipula limitu ta' żmien skont l-urġenza tal-kwistjoni. Kull membru tal-kumitat li ma jkunx espliċitament kontra jew li jastjeni qabel jiskadi l-limitu taż-żmien stipulat jkun

b'mod taċitu mal-abbozz tal-miżuri.

kkunsidrat li jkun qabel b'mod taċitu mal-abbozz tal-miżuri.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 6a

Oġġezzjoni għal abbozzi ta' miżuri ta' implimentazzjoni

- 1. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jesprimu l-oġġezzjoni tagħhom għall-abbozz ta' miżuri ta' implimentazzjoni, li l-adozzjoni tagħhom tkun qed tiġi kkontemplata u li jkunu tressqu quddiem kumitat skont att bażiku adottat skont l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minħabba li daww il-miżuri jmorru lil hinn mill-poteri ta' implimentazzjoni konferiti fl-att bażiku, il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-abbozzi ta' miżuri.***
- 2. Filwaqt li jitqiesu r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet u fil-limiti ta' żmien tal-proċedura li għaddejjja, il-Kummissjoni għandha tressaq abbozzi ġodda ta' miżuri lill-kumitat jew tressaq proposta quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-bażi tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***
- 3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-kumitat dwar l-azzjoni li jkollha l-ħsieb li twettaq u dwar ir-raġunijiet tagħha għal dan.***

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt e a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) il-pożizzjonijiet tal-membri tal-kumitat u d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet tagħhom,

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni msemmija f'paragrafu 1.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikollhom aċċess ***ugwali*** għall-informazzjoni msemmija f'paragrafu 1. ***Għal dak l-għan, l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin u skont l-istess termini li bihom tintbagħat lill-membri tal-kumitat.***

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 8 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8a

Rapport annwali dwar l-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni, kull sena għandha tippreżenta rapport lill-Istati Membri dwar l-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri jistgħu jressqu

*wkoll ir-rimarki tagħhom biex jiġu
annessi mar-rapport.*

*Ir-rapport annwali, flimkien mal-anness,
għandu jintbagħat lill-Parlament
Ewropew, lill-parlamenti nazzjonali, lill-
Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, u għandu
jitressaq ukoll quddiem il-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-
Kumitat tar-Reġjuni.*

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 8 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8b

Allinjament tal-Acquis

*Sa mhux aktar tard minn [data], il-
Kummissjoni għandha tirrevedi l-atti
bażiċi adottati qabel id-dħul fis-seħħ ta'
dan ir-Regolament bil-għan li tadatta
dawk l-atti mar-regoli ġodda dwar il-
poteri delegati u ta' implimentazzjoni
stabbiliti fl-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat
dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea. Il-Kummissjoni għandha
regolarment tirrapporta lill-Parlament
Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress
ta' dik ir-reviżjoni. Fejn ikun xieraq, tali
rapporti għandhom ikunu akkumpanjati
minn proposti leġiżlattivi.*

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9

imħassar

Revoka tad-Deċiżjoni 1999/468/KE

**Għandha titħassar id-Deċiżjoni
1999/468/KE.**

**L-effetti tal-Artikoli 5a tad-Deċiżjoni
revokata għandhom jinżammu għal
finijiet tal-atti bażiċi eżistenti li jagħmlu
referenza għalihom.**

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 10**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10

imħassar

Adattazzjoni tal-atti bażiċi eżistenti

**1. Meta l-atti bażiċi adottati qabel id-dħul
fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jipprovdu
għall-eċċerċizzju tal-poteri implimentattivi
mill-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni
1999/468/KE, għandhom japplikaw ir-
regoli li ġejjin:**

**(a) referenzi għall-Artikolu 3 tad-
Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu
interpretati bħala referenzi għall-Artikolu
4 ta' dan ir-Regolament;**

**(b) referenzi għall-Artikolu 4 u 5 tad-
Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu
interpretati bħala referenzi għall-Artikolu
5 ta' dan ir-Regolament;**

**(c) referenzi għall-Artikolu 6 tad-
Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu
interpretati bħala referenzi għall-Artikolu
6 ta' dan ir-Regolament;**

**(d) referenzi għall-Artikolu 7 u 8 tad-
Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu
interpretati bħala referenzi għall-Artikolu
8 ta' dan ir-Regolament.**

**2. L-Artikoli 3 u 7 ta' dan ir-Regolament
għandhom japplikaw għall-kumitati
kollha eżistenti.**

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 12 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

Reviżjoni

Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u filwaqt li jitqies il-kontribut tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ġenerali dwar il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament u, jekk ikun xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva ġdida.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2010.

imħassar

PROCĊEDURA

Titolu	Kontroll min-naħa tal-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni	
Referenzi	COM(2010)0083 – C7-0073/2010 – 2010/0051(COD)	
Kumitat responsabbli	JURI	
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 24.3.2010	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Antolín Sánchez Presedo 27.4.2010	
Eżami fil-kumitat	20.5.2010	14.6.2010
Data tal-adozzjoni	14.6.2010	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 1 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Vicky Ford, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Enikő Győri, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Othmar Karas, Wolf Klinz, Werner Langen, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Sławomir Witold Nitras, Ivari Padar, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Elena Băsescu, Lajos Bokros, Herbert Dorfmann, Sari Essayah, Philippe Lamberts, Gay Mitchell, Sirpa Pietikäinen	